**FIL-QORTI CIVILI**

**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 185/17/1 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fis-6 ta' Gunju, 2018 fl-atti tar-rikors guramentat odjern, numru 185/17 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1.Illi r-rikorrent intavola l-proceduri ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenuta; jirrizulta illi bejn il-partijiet m'ghadhiex tezisti l-possibilita' ta' rikonciljazzjoni, filwaqt li b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2017 din l-Onorabbli Qorti kienet ipprovdiet li l-esponent jista' jbiddel is-serratura tal-fond gia' konjugali li huwa proprjeta' parafernali tieghu;

2. Illi ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti bir-rispett jitlob li ai termini tal-Artikolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;

3. Illi t-talba tal-esponent bl-ebda mod ma tippregudika lill-konvenuta, anzi l-esponent jikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel; liema hsieb gie anke kondiviz mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** deciz fit-28 ta' Marzu, 2014 fost hafna gurisprudenzi ohra;

4. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi : " In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal;-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi ……t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser isoffri "pregudizzju mhux proporzjonat." **Inoltre l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."**[1] (Emfazi mizjuda).

**5.** Illi b'zieda u minghajr prregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi l-konvenuta fir-risposta guramentata u kontrotalba taghha m'oggezzjonatx ghat-talba tal-esponent ghax-xoljiment u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti anzi talbitha hi stess, u ghaldaqstant, m'ghandhiex ghalfejn topponi ghall-istess talba imressqa permezz tar-rikors odjern.

Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 kif ukoll
2. Tordna li l-istess ordni tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex l-istess ordni tigi debitament registrata minn l-istess direttur.

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

Rat ir-Risposta tal-intimata fejn eccepiet:-

1. Illi dina hija risposta ghar-rikors datat 6 ta' Gunju, 2018 u b'liema rikors l-esponenti giet notifikata nhar il-5 ta' Lulju, 2018;

2. Illi l-esponenti hija ukoll tal-fehma illi bejn il-partijiet m'ghadhiex tezisti l-possibilita' ta' rikonciljazzjoni;

3. Illi l-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talbiet attrici u cioe' din l-Onorabbli Qorti toghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;

4. Illi l-esponenti temmen ukoll li tali talba ma tippregudikax sia l-esponenti u sia lill-attur u l-esponenti temmen ukoll li huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel;

5. Illi l-esponenti tirrileva li ebda mill-partijiet ser isoffri "pregudizzju mhux proporzjonat";

6. Illi l-esponenti hija tal-opinjoni li kwalunkwe spejjes konnessi mat-talba *de quo* ghandhom jithallsu mill-attur;

7. Illi dunque l-esponenti m'hiex qed topponi ghat-talbiet rikorrenti, u taqbel mat-talbiet tar-rikors *de quo,* u cioe' li din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16, kif ukoll li din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li l-istess ordni tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex l-istess ordni debitament registrata minn l-istess direttur.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

**Il-Fatti**

Il-kontendenti ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u fil-mori tal-kawza, l-esponent intavola dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi awtorizzat iwaqqaf il-kommunjoni tal-akkwisti u dan stante illi b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2017 gie awtorizzat ibiddel is-serratura tad-dar konjugali, li hi parafernali ghalih.

Fir-risposta taghha l-intimata m'oggezzjonatx ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u dan tenut kont li ma kienx jidher li tezisti xi possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom, kif ukoll minhabba li hadd mill-partijiet kien ser isoffri "pregudizzju mhux proporzjonat." Addiritura l-istess intimata hija tal-fehma li jkun fl-ahjar interess taghhom li jwettqu atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin, kif ukoll ma jibqghux responsabbli ghal kwalsiasi djun li l-parti l-ohra setghet ikkuntrattat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "

"***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq

min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[2]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat.*" Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Gialadarba l-intimata mhux qed topponi ghat-talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ifisser li hi tal-fehma li l-istess xoljiment mhux ser jikkagunalha ebda *pregudizzju spropozjonat.* anzi tinstab aktar kuntenta jekk dan is-sehh ghax jinghataw il-liberta' rispettiva li jkomplu hajjithom minghajr ma jagixxu bi pregudizzju ghall-komunjoni. Lanqas ma ngabu xi provi fuq il-konsistenza tal-komunjoni u x'sproporzjonar seta' jezisti, biex ghalhekk tghin lil dina l-Qorti tevaluwa u tiddetermina jekk seta' kienx hemm lok ghal "***pregudizzju mhux proporzjonat."***

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li l-istess intimata, fil-kawza ta' separazzjoni qablet li ghandha tigi x-xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta;

[2] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

1. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet , f'partijiet indaqs.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**